# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tal-kawża numru: 1222/18 TA**

**Rudolph Anthony Bonnici**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-22 ta' Frar 2023 (a fol 540);

Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta tad-9 ta' Mejju 2023;

Ikkunsidrat;

Dak li qiegħed jitlob l-attur huwa li din il-Qorti teżerċita l-poteri tagħha skond il-liġi biex tiddeċiedi kwistjoni kostituzzjonali fil-pendenza ta' dawn il-proċeduri. Jibda biex jiġi rilevat li din il-kawża bdiet fl-10 ta' Diċembru 2018 u li, l-argumenti li qed iressaq l-attur kienu prevedibbli sa minn stadju bikri ta' din il-kawża. Issa qed iqanqal din il-kwistjoni fi stadju meta l-partijiet għalqu l-provi tagħhom u l-kawża di fatti kienet tħalliet għall-eskussjoni tal-periti perizjuri. F'dan il-kuntest

il-Qorti wkoll trid tara li dawn il-proċeduri ma jispiċċawx jilledu d-drittijiet tal-attur minħabba dewmien mhux raġjonevoli.

Jiġi wkoll rilevat li l-attur irid jattakka l-Artiklu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u l-interpretazzjoni mogħtija minn dawn l-Qrati ta' dan l-artikolu. Kif anke jindikaw sentenzi riċenti, il-kwistjoni ta' danni għadha qed tevolvi kontinwament favorevolment għas-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti għalhekk tħoss, li huwa prematur li jiġi deċiż dak li qiegħed jitlob l-attur qabel tkun deċiża din il-kawża finalment, għaliex ma hux eskluż li din il-Qorti tiddeċiedi b'mod li tissodisfa l-pretenzjonijiet tal-attur, dejjem jekk għandu raġun fil-mertu. Dan ifisser, li din it-talba hija sa ċertu punt intempestiva.

Il-Qorti għalhekk ser tkun qed tiċħad it-talba u dana bla ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra f'każ li l-attur irid jippersisti fir-rigward tal-pretensjonijiet li qiegħed javvanza b'dan ir-rikors.

Għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talba ta' l-attur. Spejjez jibqgħu riservati ghal mal-gudizzju finali.

**Illum 6, ta' Lulju, 2023**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistatur**